XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 426*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 54*
*Il-Ġimgħa 03 ta' Ġunju, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fil-5.15pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużat:* *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 425 għadhom mhux lesti.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-41**

**2. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

*(F'dan il-ħin, il-5.25pm, il-Kunsillier Teddy Mizzi daħal fil-kamra tal-laqgħat)*

i. Claudette Abela Baldacchino, Producer tal-programm Konfini mill-Pjazza, bagħtet kopja tal-ftehim dwar l-istess programm li se jittella' mill-Pjazza San Ġwann Battista, ix-Xewkija. Il-programm se jiġi rekordjat nhar l-14 ta' Lulju.

ii. Il-Perit Edward Xerri nforma lill-Kunsill li huwa ma qabilx mal-mod kif inħadmet il-Contract Manager Fee dwar il-proġett tal-bini tal-latrina pubblika fi Triq tal-Ħamrija. Huwa qal li l-CM Fee ta' 5% kellha tkun fuq it-total kollu tal-kont. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan għar-raġuni li l-ammont totali li tħallas lill-Kuntrattur konċernat jinkludi diġa l-CM Fee ta' 5% u għalhekk l-ammont irid jitnaqqas minn dan it-total kif fil-fatt sar.

iii. Laurie Zammit reġa' bagħat ritratti li jindikaw kemm qed iżomm ilma tax-xita fi Triq Santa Marija quddiem il-post tiegħu li għadu kif inbena ftit tal-ġimgħat ilu. Il-Kunsill qabel li kif ikun qed isir ix-xogħol ta' asfaltar fi Triq Kraba, jingħata wkoll ftit asfaltar fi Triq Santa Marija u b'hekk din il-problema tiġi solvuta.

**3. Polza dwar il-Kiosks tal-Festa**

F'dan il-ħin preżenti kien hawn diversi sidien tal-kiosks tal-festa. Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħat, illum għandhom jittellgħu bil-polza kif ser ikunu poġġuti l-kiosks tal-festa. Is-Sindku spjegat lis-sidien li t-trakkijiet (kiosks il-kbar) se jitpoġġew fuq naħa u se jingħataw numru mill-31 sas 36 filwaqt li l-kiosks l-oħra ser ikunu faċċata tagħhom u se jingħataw numru mill-1 sas-17. Dawn se jitpoġġew hekk biex ikun hemm spazju biżżejjed u t-triq ma' tiġix imblukkata. Il-polza telgħet hekk:-

31. Maurice Pace
32. Ruben Vella
33. Brian Grech
34. Joseph Mercieca (a)
35. Jason Attard
36. Joseph Mercieca (b)

1. Joseph Portelli
2. Ignatius Farrugia
3. Louis Camenzuli
4. Joseph Zammit
5. Peter Paul Sammut
6. Philomena Camenzuli
7. Kevin Grech
8. Cecil Cefai
9. Peter Paul Vella
10. Renald Xuereb
11. Michael Vella
12. Roderick Vella
13. Noel Mercieca
14. Omar Fava
15. Dione Lautier
16. Michael Meilaq
17. Paul Rapa

In-numri tal-posti skond il-qisien tagħhom se jiġu mmarkati fuq il-post (fi Triq Ġuże' D'Amato) u għalhekk is-sidien tal-kiosks ġew mitluba biex jarmaw fil-post allokat għalihom. Dawk is-sidien li ma jħallsux l-permess tal-kiosks mhux ser ikollhom numru tal-posta tagħhom u għalhekk jitilfu posthom. Din il-polza se tibqa' fis-seħħ sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor. Dawk li ma jħallsux il-permess tal-kiosks u għalhekk ma jkunux interessati li jarmaw il-kiosk tagħhom din is-sena fi Triq Ġuże' D'Amato, jekk fil-futur ikunu jridu jibdew jarmaw f'din it-triq, ikunu jistgħu jagħmlu hekk. Il-post tagħhom ikun wara dak tal-aħħar wieħed, jiġifieri fil-każ tat-trakkijiet wara n-numru 36 u fil-każ tal-kiosks l-oħra wara n-numru 17. Jekk ikun hemm sidien ġodda ta' kiosks tal-festa, huma wkoll jistgħu jarmaw wara dawk li hemm fil-lista indikata hawn fuq.

XEWKIJA

## 4. Kwotazzjoni 2011-05 – dwar Stage Lighting għall-attivita Fiori D'Argenta

Sal-ħin tal-egħluq tal-kwotazzjonijiet Nru 2011-05 fil-kaxxa tal-offerti kienu ntefgħu żewġ offerti li huma ta' Stage Lighting – Michael Bugeja (€1,690.00) u ta' D-Illumination Ltd (€5,200.26).

Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-kwotazzjoni u qabel unanimament li l-offerta ta' Michael Bugeja Stage Lighting għandha tiġi aċċettata għar-raġuni li hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

## 5. Kwotazzjoni 2011-06 – dwar PA System għall-attivita Fiori D'Argenta

Sal-ħin tal-egħluq tal-kwotazzjonijiet Nru 2011-06 fil-kaxxa tal-offerti kienu ntefgħu tlett offerti li huma ta' Power Sound (€2,950.00), Pro Stage Sound (€2495.00) u ta' 2 CEE Media – Joe Louis Caruana (€2708.10).

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dawn il-kwotazzjonijiet. Ġie nnutat li l-Insurance Policy ta' 2 CEE Media – Joe Louis Caruana ma kienitx iffirmata u għalhekk il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni mhix valida.

Il-grupp mistieden speċjali Red Electric li ser jagħmlu l-kunċert tagħhom il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju talbu lista ta' affarijiet tekniċi (Technical Rider) biex il-kunċert ikun jista' joħroġ bl-aħjar mod possibbli. Peress li Pro Stage li għandu l-irħas kwotazzjoni, ma kellux kopja tat-Technical Rider huwa se jiġi mitlub biex jikkonferma li għandu kollox skond l-istess Techinical Rider tal-grupp Red Electric. Pro Stage diġa kkonferma li mal-kwotazzjoni tiegħu jridu jiżdiedu €180 peress li ma kellux maħsub għal xi apparat li hemm imniżżel fuq it-Technical Rider. Antoine Debrincat ta' Pro Stage ġie kkuntattjat u mitlub biex jibgħat konferma dwar l-apparat li se juża. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-parir ta' Sound Engineer biex jikkonferma li l-apparat ta' Pro Stage huwa skond dak mitlub. Għalhekk il-Kunsill qabel li jekk il-PA System ta' Pro Stage hija skond it-Technical Rider tar-Red Electric u l-ispeċifikazzjoni kollha, din għandha tiġi aċċettata. Jekk jirriżulta li s-sistema mhix dik mitluba, il-Kunsill qed jaqbel li l-offerta għandha tingħata lil Power Sound li minn naħa tiegħu fil-kwotazzjoni diġa kkonferma li għandu s-sistema skond it-Technical Rider tar-Red Electric u l-ispeċifikazzjonijiet.

*(F'dan il-ħin il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li ma jistax ikompli jattendi għal-laqgħa u ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

## 6. Materja oħra

i. F'dan il-ħin preżenti kien hawn Brian Cardona li ddiskuta mal-Kunsill dwar il-possibilta li jibda jiġbor ħwejjeġ, basktijiet, żraben eċċ… li jkunu se jintremew mir-residenti peress li ma jkunx baqgħalhom użu. Dawn minflokk se jispiċċaw mal-iskart domestiku se jibdew jiġu riċiklati. Il-Kunsill qabel ma' din l-iskema li għandha ssir madwar tlieta jew erba' darbiet fis-sena. Brian Cardona ġie mitlub biex jibgħat aktar informazzjoni dwar din l-iskema u b'hekk minn naħa tal-Kunsill inkunu nistgħu navżaw lir-residenti tax-Xewkija dwar din l-iskema. Il-Kunsill qabel li kif ikolna l-informazzjoni meħtieġa għandna noħorġu l-avviżi biex ir-residenti jieħdu sehem f'din l-iskema u b'hekk nevitaw li dan il-materjal jintefa' mal-iskart domestiku.

XEWKIJA

Il-laqgħa spiċċat fis-6.40pm.  Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 8 ta’ Lulju, 2011 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |